**IL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

**Illum, id-29 t'April tas-sena 2025**

Każ Nru: 151/2017

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Gabriel Micallef)

**kontra**

**DAILIN BENNETTI**

(Detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0276297 (M))

**IL-QORTI:**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **DAILIN BENNETTI,** ta' dsatax-il sena, iben Jason Muscat u Carmen Louise Bennetti, imwieled il-Pieta' nhar l-14 ta' Lulju 1997, residenti fil-fond numru 16, Waterloo, Flat 3, Triq Antonio Doublet, Marsa, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 276297(M), akkużat talli nhar l-10 ta' Settembru 2016 u fil-jiem u xhur ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer:-

1. Ikkommetta serq ta' vettura għad-dannu ta' Shaun Debono u/jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
2. Saq vettura tal-għamla Fiat Tipo bin-numru ta' reġistrazzjoni IAA989 mingħajr ma kien kopert b'polza t'assigurazzjoni li tkopri terzi;
3. Saq vettura tal-għamla Fiat Tipo bin-numru ta' reġistrazzjoni IAA989 mingħajr ma kellu liċenżja tas-sewqan maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;

4. Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta tal-cannabis kollja jew biċċa minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għal-użu esklussiv tiegħu;
5. Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Kellu fil-pussess tiegħu raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi peparazzjonijieet li kollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur ta' l-artikolu 8 (a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Kkommetta reat waqt li kien taħt ordni ta' probation mogħtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jiġu mibdula.

Il-Qorti ġie mitluba sabiex barra l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet u rat ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ inkluż id-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), datat l-1 ta' Settembru 2017, sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri datat 28 ta' Lulju tas-sena 2021 permezz ta' liema l-kawża odjerna ġie assenjata lill-ġudikant sottofirmata[2] u rat ukoll li l-partijiet eżentaw lil din il-Qorti milli terġa tisma' l-provi ġia mismugħa minn din il-Qorti diversament ippreseduta[3];

Rat il-fedina penali tal-imputat[4];

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba minnha l-prosekuzzjoni ressqet is-segwenti provi:

**PS1163 Frans Schembri**[5] li esebixxa d-dikjarazzjoni għar-rifjut tal-assistenza legali (Dok. FS[6]) kif ukoll l-istqarrija rrillaxata mill-imputat nhar il-11 ta' Settembru 2016 (FS1[7]). Huwa għaraf il-firem tiegħu, tal-ispettur Micallef kif

[1] a fol. 7 tal-proċess.
[2] Fol. 64 tal-Proċess.
[3] Fol. 68 tal-proċess.
[4] Fol. 3 tal-proċess
[5] Fol. 11 tal-proċess.
[6] Fol. 13 tal-proċess.
[7] Fol. 14 tal-proċess.

ukoll tal-qua imputat fuq l-istess dokumenti. **PC773 Ryan Tonna**[8] kkonferma ukoll bil-ġurament Dok. FS.

**L-Ispettur Frank Anthony Tabone**[9] esebixxa bil-ġurament Dok. FT konsistenti f'evidence bag kontenenti: tlett crushers; lubretti; plastic pipe; Eur. 170 fi flus kontanti; ċellulari u *self sealable* bags u *paper bag*.

Ġie esebiet il-proces verbal bħala Dok. MC. Dan il-proces verbal iġib in-numru 919/2017 rigward sejbien ta' sustanza suspettata droga cannabis fil-pussess ta' Dailin Bennetti fil-Marsa nhar l-10 ta' Settembru 2016[10]. Mill-atti tal-inkjesta maġisterjali jirriżulta li ġew maħtura mill-Maġistrat Inkwerenti tlett esperti: ix-xjenzat Godwin Sammut; PC1491 Kurt Attard; u PS186 Kristian Mintoff. It-tlett esperti rrelataw fl-atti tal-inkjesta fejn partikolarment ix-xjenzat Sammut kkonkluda s-segwenti:

> *"(a) Illi fuq estratti meħuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 074_17_02 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC). Il-piż tas-sustanzi kien ta' 2.13 grammi u l-purita' kienet ta' circa 6.5%. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-kannabis u hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *(b) Illi fuq estratti meħuda mill-ħaxix ta' lewn aħdar li hemm fid-dokument 074_17_03 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC). Il-piż tal-ħaxix kien ta' 0.87 grammi u l-purita' kienet ta' circa 5.5%;*
>
> *(c) Illi fuq swabs meħuda minn fuq il-crushers li hemm fid-dokument 074_17_05 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) ġo 4 minn 6 crushers;*
>
> *(d) Illi fuq swab meħuda mill-pipa li hemm fid-dokument 074_17_05 instbet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC);*
>
> *(e) illi fuq estratt meħud mill-ħaxix ta' lewn aħdar li hemm fid-dokument 074_17_04 meħud mill-ħaxix ta' lewn aħdar li hemm fid-dokument 174_17_04 ma nstabitx droga."*[11]

**PC538 Raymond Azzopardi**[12] **u l-ispettur David Bugeja**[13] xehdu li waqt li fl-10 ta' Settembru 2016 kienu fuq ronda ġiet innotata karozza tal-marka Fiat

[8] Fol. 24 tal-proċess.
[9] Fol. 16 tal-proċess.
[10] Fol. 32 tal-proċess.
[11] Fol. 12 u 13 tal-proċess.
[12] Fol. 33 tal-proċess.
[13] Fol. 37 tal-proċess.

b'kulur griż suspettuża fl-inħawi tal-*Park and Ride* ġewwa l-Marsa. Din il-karozza kienet misjuqa mill-qua imputat u kien fiha tlett persuni oħra. Azzopardi jixhed li hekk kif din il-vettura twaqqfet il-qua imputat immedjatament informa lill-pulizija li huwa ma kellux liċenżja tas-sewqan u għaldaqstant il-pulizija pprocedew blli għamlulu tfittxija fl-imsemmija vettura. Minn din it-tfittxija fuq id-dashboard instabu żewġ stikek suspettati resin, ġol-*pouch* kellu flus u *crusher*, taħt is-*seat* tax-xufier instabet borża żgħira bi ftit *grass*. Osservaw ukoll taqa' minn fuq il-persuna tal-qua imputat borża mimlija qratas u pakketti żgħar. Saret tfittxija fuq il-passiġġiera fejn ma nstab xejn illegali. Għaldaqstant il-pulizija ordnaw lit-tlett passiġġiera sabiex jitilqu minn fuq il-post. Hekk kif l-imputat mar ibus lil wieħed mit-tfajlet huwa instemgħa mill-pulizija jgħidilha "Għid lill-ommi tarmi l-affarijiet." Għaldaqstant din it-tfajla nżammet arrestata sakemm saret tfittxija fir-residenza tal-imputat. Ix-xhieda spjegaw li għalkemm kienu preżenti waqt it-tfittxija fir-residenza tal-imputat din ma għamluhiex huma. Azzopardi u Bugeja ma ftakrux in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura li kienet qed tinstaq minn Bennetti. Madanakollu l-ispettur Bugeja għamel referenza għar-rapport tagħhom u kkonferma li n-numru ta' reġistrazzjoni kien IAA 989. L-ispettur Bugeja fix-xhieda tiegħu jispjega li ma jiftakarx jekk il-qua imputat kellux liċenżja tas-sewqan jew le.

**L-ispettur Gabriel Micallef**[14] esebixxa r-rapport (li saret referenza għalih mill-ispettur Bugeja fix-xhieda tiegħu) mgħoddi lid-Drugs Squad mill-membri tar-Rapid Intervention Unit li ġie mmarkat bħala Dok. GMX[15]. Dan ir-rapport ġie kkonfermat ukoll mill-Kuntistabbli Raymond Azzopardi.

**Shawn Debono**[16] xehed li lura fis-sena 2016 huwa kellu vettura tal-għamla Fiat Tipo. Huwa ma kienx f'posizzjoni li jiftakar in-numru ta' reġistrazzjoni tagħha. Huwa jispjega li din il-vettura kien biegħha lill-qua imputat, u ħalla f'idejh sabiex jirranġa d-dokumentazzjoni ma Transport Malta. Jispjega li huwa kien ġie kkuntatjat mill-pulizija rigward din il-vettura għax kienu waqqfu lill-qua imputat. Huwa kien qallhom li ma għandux karozzi misruqin. Il-pulizija talbuh imur il-Marsa u hemmhekk tawh iċ-ċwievet tal-vettura li hu ħadhom. Jispjega li l-għada filgħodu li skrapja din il-vettura. Mistoqsi mill-ġdid mill-prosekuzzjoni dwar il-konversazzjoni mal-pulizija huwa wieġeb:

> *"Qalli għandek il-karozza wara l-bieb, għedtlu ħa niċċekkja, għax dak il-ħin kont rieqed jien, qalli ejja għaliha l-Marsa, inżilt, tawni ċ-ċwievet, u tlaqt biha, qalli tiegħek, għedtlu iva, u daqshekk."*[17]

[14] Fol. 43 tal-proċess.
[15] Fol. 45 tal-proċess.
[16] Fol. 80 tal-proċess.
[17] Fol. 81 tal-proċess.

Fix-xhieda tiegħu jinnega li huwa qatt qal lill-pulizija li l-qua imputat seraq din il-vettura.

Id-difiża, hekk kif kellha kull dritt li tagħmel, għażlet li ma tressaqx provi.

**Ikkunsidrat ukoll:**

In linea preliminari, fid-dawl tal-każistika riċenti tal-Qrati kemm Kostituzzjonali kif ukoll Kriminali, ser tibda l-kunsiderazzjonijiet tagħha billi tiddetermina l-piż li hija ser tagħti l-istqarrija rrillaxata mill-imputat nhar il-11 ta' Settembru 2016 lill-ispettur Gabriel Micallef fil-prezenza ta' PS1163 Frans Schembri.

Jibda biex jingħad li ma hemm l-ebda allegazzjoni li din l-istqarrija ma ttieħditx b'mod volontarju. Illi mix-xhieda tal-kuntistabbli Schembri kif ukoll mill-istqarrija esebita mill-prosekuzzjoni jirriżulta li l-imputat ġie offrut u rrifjuta id-dritt li jikkonsulta ma avukat jew prokuratur legali tal-fiduċja tiegħu sa massimu ta' siegħa qabel il-bidu tal-interrogazzjoni u dan skond il-liġi hekk kif kienet viġenti f'Settembru tas-sena 2016. L-imputat ma ġiex offrut id-dritt tal-assistenza legali waqt l-istqarrija u dan għaliex il-liġi ma kinitx tipprovdi għal dan id-dritt dak iż-żmien. Tant hu hekk li minn analizi tal-atti processwali ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet impellenti l-għaliex l-imputat ma ġiex mgħoti d-dritt għall-assistenza legali waqt l-istqarrija.

Minn qari tal-istess stqarrija jirriżulta ukoll li l-imputat għażel li jwieġeb għad-domandi li sarulu mill-uffiċjal investigattiv bil-konsegwenza li f'istanzi huwa inkrimina ruħu b'referenza għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu. Jirriżulta ukoll li għal uħud mill-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, l-istqarrija tal-imputat hija l-unika prova.

L-imputat kellu dsatax-il sena meta allegatament seħħew ir-reati suġġett ta' dawn il-proċeduri, mill-fedina penali tiegħu jirrizulta li huwa kellu xi kundanni qabel ġie arrestat in konnesjoni mal-proċeduri odjerni. Għaldaqstant ma jistgħax jingħad li l-imputat jistgħa ikun meqjus bħala persuna vulnerabbli waqt it-teħid tal-istess stqarrija.

Stabbiliti dawn ir-riżultanzi, din il-Qorti qieset l-istess fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti fl-insenjament mgħoti fil-kaz **Beuze v il-Belgju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018[18], u l-prinċipji stabbiliti f'dawn l-aħħar snin permezz tas-sentenzi mgħotija f'dan ir-rigward mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni

[18] Li riċentament issir referenza għalihom fis-sentenza mgħotija mill-QEDB fl-ismijiet Lalik vs. Poland, 11 ta' Mejju 2023

Kostituzzjonali u anke Kriminali[19]. Il-ġurisprdenza riċenti tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tagħmilha ċara li l-fatt li persuna suspettata li kkommettiet reat tagħmel stqarrija mingħajr l-assistenza t'avukat ma jwassalx bilfors għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, partikolarment il-jedd għal smigħ xieraq, fil-proċeduri ġudizzjarji ta' natura kriminali li jistgħu jittieħdu kontra dik l-istess persuna. Iżda spetta lil min ħa jiġġudika mill-fatti sabiex janalizza ċ-ċirkostanzi tal-każ quddiemu fil-dawl tal-prinċipji stabbiliti fis-sentenza hawn fuq imsemmija ta' Beuze v il-Belġju.

B'hekk fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti f'dawn is-sentenzi, kif ukoll tenut kont li għalkemm l-istqarrija tal-imputat ġiet meħuda skond il-liġi viġenti dak iż-żmien (għaldaqstant hija kkunsidrata bħala legalment valida) iżda mingħajr d-dritt tal-assistenza legali waqt l-istess istqarrija u ġaladarba l-istess stqarrija hija prova determinanti tal-prosekuzzjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-qua imputat, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiskarta l-istqarrija tal-imputat sabiex jiġi assigurat li d-drittijiet tiegħu ma jiġux mittiefsa.

Illi stabbilit dan din il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-reita' o meno tal-imputat b'referenza għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

Illi permezz **tal-ewwel imputazzjoni** l-imputat ġie akkużat bis-serq ta' vettura għad-dannu ta' Shaun Debono. Jibda biex jingħad li din il-Qorti hija sprovista minn prova ta' fuq min kienet irreġistrata din il-vettura, anke jekk il-fatt din il-prova mhux neċessarjament kienet ser twassal għall-konkluzzjoni li jekk mhux qegħda fil-pussess tas-sid irreġistrat allura neċessarjament ifisser li dik il-vettura ġiet misruqa. Issa, x-xhieda ta' Shaun Debono f'dawn il-proċeduri ma hijiex waħda konsistenti. Fil-fatt fit-testimonjanza tiegħu jagħti żewġ verzjonijiet. Fl-ewwel verzjoni jgħid li huwa l-vettura kien biegħa lill-qua imputat qabel dan tal-aħħar ġie arrestat mill-pulizija. Fit-tieni verzjoni jgħid li meta ċemplulu l-pulizija huwa kien rieqed hu kien qallhom li ma jafx fejn kienet il-vettura tiegħu. Fix-xhieda tiegħu sussegwentament jgħaddi sabiex jiddikjara li meta l-pulizija tawh lura ċ-ċwievet tal-vettura huwa ħadhom u fl-ebda ħin ma qal li huwa stqarr magħhom li dik il-vettura ma kinitx tiegħu. Immedjatament din il-Qorti tiddikjara li l-verzjoni ta' Debono ma hijiex waħda konsistenti u lanqas għandha mis-sewwa. Dan għaliex filli qed jgħid li biegħha u immedjatament wara jgħid li mar jiskrapja huwa stess wara li ħa ċ-ċwievet mingħand il-pulizija.

---

[19] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022); Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022), Emmanuele Spagnol vs Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija (31 ta' Mejju 2023), Jean Marc Dalli vs Kummissarju tal-Pulizija et (31.5.23).

Madanakollu jibqa' l-fatt li fix-xhieda tiegħu Debono ma xehedx dwar in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura u in oltre iddikjara li l-vettura tiegħu ma kinitx insterqet mill-qua imputat. B'hekk, anke jekk ix-xhieda ta' Debono ma hijiex tennibli din il-Qorti hija sprovista mill-prova li fl-ewwel lok il-vettura li xehed dwarha Debono kienet effettivament il-vettura li nstabet fil-pussess tal-qua imputat u fit-tieni lok, anke jekk per *modo di dire* kienet l-istess vettura, li din ittieħdet mill-isfera ta' kontroll ta' Debono mingħajr il-kunsens tiegħu. Għaldaqstant din il-Qorti, anke fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjoni u anke fid-dawl ta' dak li ngħad qabel rigward l-istqarrija, ser tgħaddi sabiex tillibera lill-qua imputat minn din l-imputazzjoni fuq nuqqas ta' provi.

Illi t-tieni imputazzjoni tirrigwarda sewqan mingħajr ma kien kopert b'polza t'assigurazzjoni. B'referenza għal din l-imputazzjoni l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova f'dan ir-rigward. Madanakollu is-subartikolu 3(1A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula:

> *"(1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4)".*

Fil-proċeduri odjerni d-difiża baqgħet ma ressqitix din il-prova kuntrarja a tenur tas-subartikolu hawn fuq ċitat. Għaldaqstant din il-Qorti ser issib ħtija fit-tieni imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-qua imputat.

Illi in kwantu għat-tielet imputazzjoni li tirrigwarda sewqan ta' vettura mingħajr liċenżja, din il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għal dak li ngħad iktar qabel f'din is-sentenza rigward l-istqarrija. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-istess kunsiderazzjonijiet simili għal dawk tal-istqarrija tal-imputat japplikaw għall-estratt mix-xhieda tal-kuntistabbli Azzopardi meta xehed li hekk kif waqqfu l-vettura l-imputat iddikjara magħhom li ma kellux liċenżja tas-sewqan. B'hekk din il-Qorti ser tiskarta ukoll din il-parti mix-xhieda ta' Azzopardi. Issa stabbilit dan isegwi li din il-Qorti hija sprovista minn prova li l-imputat ma kellux liċenżja valida tas-sewqan. Il-Prosekuzzjoni ma ressqet 'il quddiem l-ebda prova ta' rappreżentant ta' Transport Malta biex jixhed dwar dan. Għaldaqstant din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tillibera lill-qua imputat mit-tielet imputazzjoni miġjuba kontrieh.

Illi permezz tar-raba' imputazzjoni, Bennetti ġie imputat bl-akkuża ta' pussess aggravat tal-pjanta cannabis. Illi mit-tfittxijiet li saru fil-vettura misjuqa minn Bennetti, il-pulizija sabu diversi pakketti b'sustanza suspettata 'cannabis grass'; permezz tal-ħames imputazzjoni ġie akkużat bil-pussess sempliċi tal-pjanta tal-cannabis jew biċċa minnha; filwaqt li bis-sitt imputazzjoni ġie akkużat bil-

pussess sempliċi tar-raża tal-cannabis. Fix-xhieda tagħhom il-pulizija spjegaw kif sabu żewġ stikek suspettati raża tal-cannabis fil-vettura misjuqa mill-qua imputat fuq id-*dashboard*; borża bi ftit sustanza ħadra; u borża mimlija qratas u pakketti żgħar kontenenti sustanza ħadra. Illi mix-xhieda tal-istess pulizija dwar fejn dawn is-sustanzi nstabu jirriżulta pruvat li dawn is-sustanzi kienu fil-pussess xjenti tal-imputat ġaladarba l-istikkek kienu fuq id-dashboard u għaldaqstant setgħa jarahom filwaqt li l-borża oħra instabet taħt is-seat tiegħu f'vettura misjuqa minnu. Issa, mir-relazzjoni tax-xjenzat Sammut jirriżulta li piż tar-raża tal-cannabis kien dak ta' 2.13 grammi filwaqt li l-piż tal-pjanta cannabis li nstab ġol-borża taħt is-seat tal-vettura fejn kien il-qua imputat kien ta' 0.87 grammi. Madanakollu meta ġiet analizzata s-sustanza fl-erbatax-il qartas li kienu ġol-pakkett li waqgħa minn fuq il-persuna tal-qua imputat, l-istess sustanza ma ġietx pożittiva għal Tetrahydrocannabinol.

Għaldaqstant fid-dawl ta'dawn iċ-ċirkostanzi senjatament ġaladarba fl-erbatax-il pakkett ma nstabitx sustanza regolata iżda instabu biss żewġ stikek tar-raża cannabis u pakkett li jiżen 0.87 grammi, din il-Qorti ma hijiex tal-fehma li jeżistu l-estremi tal-pussess aggravat tal-pjanta tal-cannabis iżda biss dawk tal-pussess sempliċi. Il-fatt l-imputat instab fil-pussess ta' numru ta' crushers li fuqhom kien hemm traċċi tal-pjanta tal-cannabis. Dan jindika kjarament li l-imputat kien jikkonsma din is-sustanza fi żmien tal-allegati reati.

Għaldaqstant fil-fehma ta' din il-Qorti jirriżultaw pruvati biss l-imputazzjonijiet rigwardanti l-pussess sempliċi tal-pjanta tal-cannabis jew biċċa minnha u l-pussess sempliċi tar-raża tal-cannabis.

Stabbilit dan, dawn l-imputazzjonijiet (numru 5 u 6) ġew milquta bl-emendi introdotti f'Diċembru tas-sena 2021 senjatament permezz tal-Att LXVI tas-sena 2021. Bis-saħħa ta' dawn l-emendi l-artikolu 4A tal-Kap. 537 jistipula:

> *(1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-pussess minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax (18)-il sena tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi, f'ċirkostanzi li jwasslu li wieħed raġonevolment jemmen li tali pussess huwa għall-użu personali ta' tali persuna, **ma għandux jikkostitwixxi reat**, u l-persuna ma għandhiex tinżamm f'kustodja taħt arrest minbarra fejnhemm suspett raġonevoli ta' traffikar jew tmexxija ta' droga kannabis*

Illi allura ghalkemm l-att vjolatur, ċioe' il-pussess sempliċi t'inqas minn seba' grammi cannabis, kien jikkostitwixxi reat meta dan sehh, illum il-ġurnata dan ma ghadux jigi hekk ikkunsidrat.

Illi l-artikolu 12 tal-Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula:

*(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Atti ħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux –*
*(a) jerġa' jġib fis-seħħ xi ħaġa li ma tkunx fis-seħħ jew lima tkunx teżisti fiż-żmien li fih iseħħ it-tħassir;*
*(b) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;*
*(ċ) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbiltà miksuba jew meħuda taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra jew liġejja minn xi leġislazzjoni bħal dik;*
*(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk;*
*(e) jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel,*
*u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħujinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jewpiena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar majkunx għadda.*

Madanakollu ssir referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-***Pulizija vs. Juanita Fenech*** nhar is-27 ta' Frar 2019 fejn gie ddikjarat:

> *"Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ibbazati fuq l-artikolu 7 tal-Kovenzjoni Ewropeja dwar il-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti hija tal-fehma illi illum ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti bilfors trid tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza:*
>
> > *"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties .... The Court .... affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of*

*the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant."*

*Din il-posizzjoni ġiet riaffermata permezz tas-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014.*

*Illi l-Professur Sir Anthony Mamo jidher li kien tal-fehma ukoll li f'sitwazzjonijiet bħal dawn il-proċeduri jew l-effett provenjenti minnhom permezz tas-sentenza li tkun ingħatat, għandhom jieqfu.*

*"In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation. It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence".*

***B'hekk illum għalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proċeduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qiegħed jitqies illi huwa leżiv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**."* (emfazi ta' dina l-Qorti)

F'dawn ic-cirkostanzi dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tiddikjara procediment ezawriet fil-konfront ta' dawn iż-żewġ imputazzjoni.

Illi permezz tas-seba' imputazzjoni, Bennetti ġie akkużat li wettaq reat waqt il-perjodu opeattiv ta' ordni ta' probation madanakollu l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova in sostenn ta' din l-imputazzjoni. Għaldaqstant huwa ser jiġi illiberat minn din l-imputazzjoni.

Ai fini ta' piena din il-Qorti qieset in-natura tal-akkuża li tagħha l-qua imputat qed jinsab ħati u l-fedina penali tiegħu. Ħadet kont tal-fatt li din hija l-ewwel kundanna ta' sewqan mingħajr ma kien kopert b'polza t'assigurazzjoni.

Għal dawn il-mottivi, din il-Qorti qed fl-ewwel lok tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ħames u tas-sitt imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-

qua imputat, fit-tieni lok qed issib lill-qua imputat mhux ħati tal-ewwel, tat-tielet, tar-raba' u tas-seba' imputazzjoni miġjuba kontrieh u konsegwentament qed tilliberah minn dawn l-imputazzjonijiet u fit-tielet lok wara li rat l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-qua imputat Bennetti ħati tat-tieni imputazzjoni u konsegwentament qed tikkundanah għall-multa t'elfejn u erba' mitt ewro (€2,400) li, b'applikazjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista' titħallas mill-ħati b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Ewro (Eur. 100), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi kkonvertit fi priġunerija skond il-liġi. In oltre a tenur tas-subartikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar millum.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, qed tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti ammontanti għas-somma ta' tlett mija u disgħin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€390.68).

Finalment, din il-Qorti qed tordna l-konfiska tal-oġġetti relatati mad-droga kif ukoll id-distruzzjoni tad-droga hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

---

**Maġistrat Dr. Elaine Rizzo**

---

Christine Farrugia
**Deputat Reġistratur**